VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,984, 27 ta' April, 2018

Taqsima B

A.L. 136 tal-2018

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

ATT DWAR L-AWTORITÀ GHAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Regolarizazzjoni ta' Arretrati dwar id-Drittijiet ta' Liċenzi ta' Vetturi bil-Mutur

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 54 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku u bl-artikolu 43 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, il-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Regolarizazzjoni ta' Arretrati dwar id-Drittijiet ta' Liċenzi ta' Vetturi bil-Mutur u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Regolarizazzjoni ta' Arretrati dwar id-Drittijiet ta' Liċenzi ta' Vetturi bil-Mutur, hawn iżjed il-quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 65.24.

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali, id-data "31 ta' Marzu, 2018" għandha tiġi sostitwita bid-data "15 ta' Ottubru, 2020".